MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2002

Numru 533/2002

**Artikoli 207, 209 u 221 tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**DAVID XUEREB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DAVID XUEREB** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Spiridione u Helen nee Mifsud, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Jannar, 1977 u joqghod Triq Alfonso Maria Galea, Swatar jew Sun View Flats, Block F, Flat 1, Triq San Giusepp, Hamrun detentur tal-karta tal-identita numru 87477M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' Lulju, 2002 bejn s-siegha w nofs ta' wara

nofsinhar w s-saghtejn ta' wara nofsinhar gewwa Pembroke ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur ta' Sonia Powillett ta' sbatax il-sena mill-Germanja.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq l-istess persuna ta' Sonia Powilliet mill-Germanja kif iccertifika Doctor Muscat MD fic-centru tas-Sahha tal-Gzira.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 207, 209 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Semghet lil imputat** fis-seduta tal-ghaxra ta' Lulju jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li hija wahda nadifa.
Semghet lil Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat kkopera bis-shih maghha .

Rat wkoll li l-incident in kwistjoni kien wiehed zghir fis-sens li l-imputat lahaq nizzel biss id-dublett ta'l-imsemmija Sonio Powilliet.

Ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat DAVID XUEREB hati tal-akkuzi kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess u ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' malta dan qed tpoggih taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin.**

**Oltre dan qed tikkundnnah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin, liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin u f'kaz li**

**jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.**

**Il-Probation Officer Carmen Borg ghandha tirrelata kull sitt xhur dwar l-andament tieghu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' dins-sentenza tigi notifikata lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Il-Qorti tordna l-projbizzjoni ta' isem l-vittma fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------